# SANCTA MARIA

*Ta' CARMEL GATT*

Is-sliem għalik, ja Xebba mingħajr tebgħa!
Is-sliem għalik, jgħajtu s-smewwiet u l-art!
Is-sliem għalik, jgħajjat kull fomm fid-dinja!
Is-sliem għalik, ja ħelwa aktar mill-ward!

Il-kobor t'Alla narawh fik, Marija;
Int kont u tibqa' l-faraġ ta' kull żmien!
Imwielda mingħajr tebgħa! mingħajr ħtija!
Int kont u tibqa' s-sliem tal-qalb u l-lsien.

Seraq Alla mix-xemx id-dija sbejħa?
Seraq għal Ommu mill-wardiet il-ġmiel?
Ma' hiex naqbdu nxebbhuk, ja Omm bla tebgħa?
X'hawn fuq din l-art biex tiegħek jagħti ħjiel?

Inti l-Omm tagħna u l-Omm ta' Min ħalaqna,
U lejk, Marija niġru fit-tiġrib;
Dejjem żammejtna taħt il-ħarsa tiegħek;
Dejjem Int għentna f'toqol is-salib.

Is-sliem għalik, tgħajjat ix-xemx fis-sema!
Is-sliem għalik, ipespes kull għasfur!
Is-sliem għalik, tlissen kull warda siekta!
Tifħir għalik minn ġo kull qalb ifur!

Lilna f'did-dinja, ma nsejtniex, Marija;
Dejjem qlajtilna dak l'aħna tlabniek;
Dejjem ħaristna f'kull tiġrib li nqala',
W aħna f'din l-art dejjem kull ġieh tajniek.

Żommna mgħaqqdin, Marija, flimkien miegħek;
Itfa' fi qlubna l-barka tas-Smewwiet;
Aħna nfaħħruk, ja Omm il-Ħallieq tagħna,
U nibqgħu nagħtuk ġieh maż-żmenijiet.